MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1199/2005

**Aplan Limited C-2450**
**vs**
**Etienne Formosa**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Mejju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mija u sitt liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm106.24), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lilu.**
**Bl-imghax u bl-ispejjez legali, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Lulju, 2004, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata fil-21 ta' Gunju, 2005, fejn intqal :**

**i. illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta) ;**
**ii. Illi x-xoghol mis-socjeta` attrici ma sarx kif jitolbu l-installation instructions ;**
**iii. Illi l-«copper pipe» ma sarx skond is-sengha u l-arti ;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' Etienne Formosa. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Illi l-kaz jirrigwarda bilanc ta' prezz fuq merkanzija mibjugha u konsenjata.**
**2. Illi l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni a tenur tal-Art.2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe` il-preskrizzjoni tal-azzjoni bid-dekors ta' hames snin.**
**3. Jirrizulta li l-merkanzija, konsistenti f'zewg airconditioners, kienet inxtrat f'April, 2001. L-ahhar pagament sar fid-9 ta' Gunju, 2001. Il-konvenut jikkonferma li kien ircieva ittra ufficjali fl-4 ta' Awissu, 2004, u li kienet datata 28 ta' Lulju, 2004. Il-kawza odjerna giet prezentata fil-31 ta' Mejju, 2005.**
**4. Ma hemmx dubbju li l-perijodu preskrittiv invokat ghadu ma ghaddiex, u ghalhekk l-azzjoni ma hiex preskritta.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata u jordna l-prosegwiment fuq il-meritu. Spejjez ta' dina id-decizjoni jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------